2′-Fukosillattożju (sintetiku)	**Definizzjoni**: Isem kimiku: α-L-Fukopiranosil-(1→2)-β-D-galattopiranosil-(1→4)- D-glukopiranożju Formula kimika: $C_{18}H_{32}O_{15}$ Nru CAS: 41263-94-9 Piż molekulari: 488,44 g/mol **Deskrizzjoni:** 2′-Fukosillattożju huwa trab ta' lewn abjad għal abjad miksur li jiġi prodott permezz ta' proċess ta' sinteżi kimika. **Purità:** 2′-Fukosillattożju: ≥ 95 % D-Lattożju: ≤ 1,0 w/w % L-Fukożju: ≤ 1,0 w/w % Isomeri tad-difukosil-D-lattożju: ≤ 1,0 w/w % 2′-Fukosil-D-lattulożju: ≤ 0,6 w/w % pH (20 °C, soluzzjoni ta' 5 %): 3,2-7,0 Ilma (%): ≤ 9,0 % Rmied, issulfat: ≤ 0,2 %

▼M9

Ikel Ġdid Awtorizzat	Speċifikazzjonijiet	
	Aċidu aċetiku: ≤ 0,3 % Solventi residwi (metanol, 2-propanol, aċetat tal-metil, aċeton): ≤ 50,0 mg/kg l-wieħed, ≤ 200,0 mg/kg flimkien Proteini residwi: ≤ 0,01 % **Metalli Tqal:** Palladju: ≤ 0,1 mg/kg Nikil: ≤ 3,0 mg/kg **Kriterji mikrobijoloġiċi:** Għadd totali ta' batterji aerobiċi mežofiliċi: ≤ 500 CFU/g Ħmira u Moffa: ≤ 10 CFU/g Endotossini residwi: ≤ 10 EU/mg	
2′-Fukosillattożju (sors mikrobjali)	►M27 **Definizzjoni:** Isem kimiku: α-L-Fukopiranosil-(1→2)-β-D-galattopiranosil-(1→4)-D-glukopiranożju Formula kimika: $C_{18}H_{32}O_{15}$ Nru CAS: 41263-94-9 Piż molekulari: 488,44 g/mol	
	Sors: Ir-razza tal-mikrobu tal-*Escherichia coli* K-12 ġenetikament modifikata	**Sors:** Ir-razza tal-mikrobu tal-*Escherichia coli* BL21 ġenetikament modifikata
	Deskrizzjoni: It-2′-Fukosillattożju huwa trab ta' lewn abjad għal abjad miksur li jiġi prodott permezz ta' proċess mikrobjali. **Purità:** 2′-Fukosillattożju: ≥ 83 % D-Lattożju: ≤ 10,0 % L-Fukożju: ≤ 2,0 % Difukosil-D-lattożju: ≤ 5,0 % 2′-Fukosil-D-lattulożju: ≤ 1,5 % Is-somma tas-sakkaridi (2′-Fukosillattożju, D-Lattożju, L-Fukożju, Difukosil-D-lattożju, 2′-Fukosil-D-lattulożju): ≥ 90 % pH (20 °C, soluzzjoni ta' 5 %): 3,0-7,5 Ilma: ≤ 9,0 %	**Deskrizzjoni:** It-2′-Fukosillattożju huwa trab ta' lewn abjad għal abjad miksur u s-soluzzjoni milwiema tal-konċentrat likwidu (45 % ± 5 % w/v) hija soluzzjoni milwiema minn bla kulur għal lewn kemxejn isfar. It-2′-Fukosillattożju huwa prodott permezz ta' proċess mikrobijoloġiku. **Purità:** 2′-Fukosillattożju: ≥ 90 % Lattożju: ≤ 5,0 % Fukożju: ≤ 3,0 % 3′-Fukosillattożju: ≤ 5,0 % Fukosilgalattożju: ≤ 3,0 % Difukosillattożju: ≤ 5,0 %

▼M9

Ikel Ġdid Awtorizzat	Speċifikazzjonijiet	
	Rmied issulfat: ≤ 2,0 % Aċidu aċetiku: ≤ 1,0 % Proteini residwi: ≤ 0,01 % **Kriterji mikrobijoloġiċi:** L-għadd totali ta' batterji aerobiċi mežofiliċi: ≤ 3 000 CFU/g Ħmejjer: ≤ 100 CFU/g Mofof: ≤ 100 CFU/g Endotossini: ≤ 10 EU/mg	Glukożju: ≤ 3,0 % Galattożju: ≤ 3,0 % Ilma: ≤ 9,0 % (trab) Rmied, issulfat: ≤ 0,5 % (trab u likwidu) Proteini residwi: ≤ 0,01 % (trab u likwidu) **Metalli Tqal:** Ċomb: ≤ 0,02 mg/kg (trab u likwidu) Arseniku: ≤ 0,2 mg/kg (trab u likwidu) Kadmju: ≤ 0,1 mg/kg (trab u likwidu) Merkurju: ≤ 0,5 mg/kg (trab u likwidu) **Kriterji mikrobijoloġiċi:** L-għadd totali tal-kolonji: ≤ 10^4 CFU/g (trab), ≤ 5 000 CFU/g (likwidu) Ħmira u Moffa: ≤ 100 CFU/g (trab); ≤ 50 CFU/g (likwidu) *Enterobacteriaceae*/Koliformi: assenti fi 11-il gramma (trab u likwidu) *Salmonella*: negattiv/100 g (trab), negattiv/200 ml (likwidu) *Cronobacter*: negattiv/100 g (trab), negattiv/200 ml (likwidu) Endotossini: ≤ 100 EU/g (trab), ≤ 100 EU/ml (likwidu) Aflatossina M1: ≤ 0,025 µg/kg (trab u likwidu) ◄
▼M36 ***Taħlita tat-2'-Fukosillattożju/Difukosillattożju ("2'-FL/DFL")*** **(sors mikrobjali)**	**Deskrizzjoni/Definizzjoni:** It-taħlita tat-2′-Fukosillattożju/Difukosillattożju hija trab amorfu abjad għal abjad miksur li jiġi prodott permezz ta′ proċess mikrobjali. Wara l-purifikazzjoni, it-taħlita tat-2′-Fukosillattożju/Difukosillattożju tiġi iżolata permezz ta′ tnixxif bl-isprej. **Sors:** Ir-razza tal-Escherichia coli K-12 DH1 ġenetikament modifikata **Karatteristiċi/Kompożizzjoni** Dehra: Trab abjad għal abjad miksur jew agglomerati Somma ta' 2'-Fukosillattożju, Difukosillattożju, Lattożju u Fukożju (% ta' materja niexfa): ≥ 92,0 % (w/w) Somma ta' 2'-fukosillattożju u difukosillattożju (% tal-materja niexfa): ≥ 85,0 % (w/w) 2'-Fukosillattożju (% ta' materja niexfa): ≥ 75,0 % (w/w)	

▼M36

Ikel Ġdid Awtorizzat	Speċifikazzjonijiet
	Difukosillattożju (% ta' materja niexfa): ≥ 5,0 % (w/w) D-Lattożju: ≤ 10,0 % (w/w) L-Fukożju: ≤ 1,0 % (w/w) 2'-Fukosil-D-lattulożju: ≤ 2,0 % (w/w) Somma ta' karboidrati oħra ([11]): ≤ 6,0 % (w/w) Indewwa: ≤ 6,0 % (w/w) Rmied, issulfat: ≤ 0,8 % (w/w) pH (20 °C, soluzzjoni ta 5 %): 4,0 -6,0 Proteini residwi: ≤ 0,01 % (w/w) **Kriterji mikrobijoloġiċi:** Għadd totali ta' batterji mežofiliċi aerobiċi: ≤ 1000 CFU/g *Enterobacteriaceae*: ≤ 10 CFU/g *Salmonella* sp.: Negattiv/25 g Ħmira: ≤ 100 CFU/g Moffa: ≤ 100 CFU/g Endotossini residwi: ≤ 10 EU/mg CFU: Unitajiet li Jiffurmaw il-Kolonji; EU: Unitajiet ta' Endotossini
▼M9 **Galatto-oligosakkarid**	**Deskrizzjoni/Definizzjoni:** **Il-galatto-oligosakkarid jiġi prodott mil-lattożju tal-ħalib permezz ta' proċess enzimatiku bl-użu ta' β-galattosidaži mill-*Aspergillus oryzae*, *Bifidobacterium bifidum, Pichia pastoris, Sporobolomyces singularis, Kluyveromyces lactis, Bacillus circulans, u Papiliotrema terrestris.*** GOS: minimu ta' 46 % Materja Niexfa Lattożju: massimu ta' 40 % Materja Niexfa Glukożju: massimu ta' 27 % Materja Niexfa Galattożju: minimu ta' 0,8 % Materja Niexfa Rmied: massimu ta' 4,0 % Materja Niexfa Proteina: massimu ta' 4,5 % Materja Niexfa Nitrit: massimu ta' 2 mg/kg

▼M9

Ikel Ġdid Awtorizzat	Speċifikazzjonijiet
Glukożammina HCl mill-*Aspergillus niger* u minn razza ta' *E. Coli* K-12 ġenetikament modifikata	Trab kristallin abjad mingħajr riħa Formula molekulari: $C_6H_{13}NO_5 \cdot HCl$ Massa molekolari relattiva: 215,63 g/mol D-Glukożammina HCl 98,0-102,0 % tal-istandard ta' referenza (HPLC) Rotazzjoni speċifika + 70,0° - + 73,0°
Sulfat tal-glukożammina KCl mill-*Aspergillus niger* u minn razza ta' *E. Coli* K-12 ġenetikament modifikata	Trab kristallin abjad mingħajr riħa Formula molekulari: $(C_6H_{14}NO_5)_2SO_4 \cdot 2KCl$ Massa molekolari relattiva: 605,52 g/mol Sulfat ta' D-Glukożammina 2KCl 98,0-102,0 % tal-istandard ta' referenza (HPLC) Rotazzjoni speċifika +50,0° sa +52,0°
Sulfat tal-glukożammina NaCl mill-*Aspergillus niger* u minn razza ta' *E. coli* K-12 ġenetikament modifikata	Trab kristallin abjad mingħajr riħa Formula molekulari: $(C_6H_{14}NO_5)_2SO_4 \cdot 2NaCl$ Massa molekolari relattiva: 573,31 g/mol D-Glukożammina HCl: 98-102 % tal-istandard ta' referenza (HPLC) Rotazzjoni Ottika Speċifika: +52 ° - +54 °
Gomma tal-Gwar	**Deskrizzjoni/Definizzjoni:** Il-gomma tal-gwar fl-istat naturali tagħha hija l-endosperma mitħuna ta' żerriegħa minn razez naturali tal-gwar *Cyamopsis tetragonolobus* L. Taub. (familja tal-*Leguminosae*). Tikkonsisti minn polisakkarid b'piż molekulari għoli, magħmul b'mod ewlieni minn unitajiet ta' galattopiranoży u mannopiranoży kkumbinati permezz ta' konnessjonijiet glikosidiċi, li jistgħu jiġu deskritti kimikament bħala galattomannan (kontenut ta' galattomannan ta' mhux inqas minn 75 %). Dehra: Trab abjad għal safrani Piż molekulari: Bejn 50 000 u 8 000 000 Daltons Numru CAS: 9000-30-0 Numru EINECS: 232-536-8 Purità: Kif speċifikat fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2012 li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet għall-addittivi tal-ikel elenkati fl-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] u fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/175 tal-5 ta' Frar 2015 li jistabbilixxi kundizzjonijiet speċjali applikabbli għall-importazzjoni għall-gomma tal-gwar li toriġina mill-Indja jew li tintbagħat minn hemm, minħabba r-riskju ta' kontaminazzjoni mill-pentaklorofenol u mid-dijossini [2].

▼M9

Ikel Ġdid Awtorizzat	Speċifikazzjonijiet
	Proprjetajiet fiżikokimiċi: **Trab** Perjodu ta' stabbiltà: Sentejn Kulur: Abjad Riħa: Ħafifa Dijametru medju tal-partikoli: 60-70 μm Ndewwa: Massimu ta' 15 % Viskożità* fil-ħin ta' siegħa - Viskożità* fil-ħin ta' sagħtejn: Minimu ta' 3 600 mPa.s Viskożità* fil-ħin ta' 24 siegħa: Minimu ta' 4 000 mPa.s Solubbiltà: Solubbli fil-misħun u fl-ilma kiesaħ pH għal 10 g/L, f'temperatura ta' 25 °C - 6-7,5 **Laqx** Ħajja utli: Sena Kulur: Abjad għal abjad miksur mingħajr jew bi ftit li xejn tikek suwed Riħa: Ħafifa Dijametru medju tal-partikoli: 1-10 mm Ndewwa: Massimu ta' 15 % Viskożità* fil-ħin ta' siegħa: Minimu ta' 3 000 mPa.s Viskożità* fil-ħin ta' sagħtejn — Viskożità* fil-ħin ta' 24 siegħa — Solubbiltà - Solubbli fil-misħun u fl-ilma kiesaħ pH għal 10 g/L, f'temperatura ta' 25 °C - 5-7,5 (*) Il-kejl tal-viskożità jsir fil-kundizzjonijiet li ġejjin: 1 %, 25 °C, 20 rpm
Prodotti tal-ħalib ittrattat bis-sħana ffermentati bil-*Bacteroides xylanisolvens*	**Deskrizzjoni/Definizzjoni:** Il-prodotti tal-ħalib ittrattati bis-sħana u ffermentati jiġu prodotti bil-*Bacteroides xylanisolvens* (DSM 23964) bħala kultura li tibda l-fermentazzjoni.

▼M9

Ikel Ġdid Awtorizzat	Speċifikazzjonijiet
	Il-ħalib parzjalment xkumat (li jkollu bejn 1,5 % u 1,8 % xaħam) jew il-ħalib xkumat (li jkollu 0,5 % xaħam jew inqas) jiġi ppasturizzat jew ittrattat bis-sħana f'temperatura għolja ħafna qabel ma tinbeda l-fermentazzjoni bil-*Bacteroides xylanisolvens* (DSM 23964). Il-prodott tal-ħalib iffermentat li jirriżulta minn dan il-proċess jiġi omoġenizzat u mbagħad ittrattat bis-sħana biex il-*Bacteroides xylanisolvens* (DSM 23964) ma jibqax attiv. Il-prodott finali ma jkunx fih ċelloli vijabbli tal-*Bacteroides xylanisolvens* (DSM 23964)([1]). ([1]) DIN EN ISO 21528-2 modifikat.
Idrodossitirosol	**Deskrizzjoni/Definizzjoni:** L-idrodossitirosol huwa likwidu viskuż isfar ċar li jinkiseb permezz tas-sinteżi kimika Formula molekulari: $C_8H_{10}O_3$ Piż molekulari: 154,6 g/mol Nru CAS: 10597-60-1 Ndewwa ≤ 0,4 % Riħa: Karatteristiku Togħma: Kemxejn morr Solubbiltà (fl-ilma): Jitħallat mal-ilma pH: 3,5-4,5 Indiċi refrattiv: 1,571-1,575 **Purità:** Idrodossitirosol: ≥ 99 % Aċidu aċetiku: ≤ 0,4 % Aċetat tal-idrossitirosol: ≤ 0,3 % Is-somma tal-aċidu omovanilliku, l-aċidu iso-omovanilliku, u 3-metossi-4idrossifenilglikolu: ≤ 0,3 % **Metalli Tqal** Ċomb: ≤ 0,03 mg/kg Kadmju: ≤ 0,01 mg/kg Merkurju: ≤ 0,01 mg/kg **Solventi Residwi** Aċetat tal-etil: ≤ 25,0 mg/kg Isopropanol: ≤ 2,50 mg/kg Metanol: ≤ 2,00 mg/kg Tetraidrofuran: ≤ 0,01 mg/kg

▼M9

Ikel Ġdid Awtorizzat	Speċifikazzjonijiet
Proteina li Tistruttura s-Silġ tat-tip III HPLC 12	**Deskrizzjoni/Definizzjoni:** Il-preparazzjoni tal-Proteina li Tistruttura s-Silġ (ISP) hija likwidu ta' kulur kannella ċar prodott mill-fermentazzjoni ta' varjant ta' ħmira tal-furnar ta' grad tal-ikel li tkun ġenetikament modifikata (*Saccharomyces cerevisiae*) u li fih ikun iddaħħal ġene sintetiku għall-ISP fil-ġenomu tal-ħmira. Il-proteina tiġi ffurmata u mormija fl-ambjent tat-tkabbir fejn tiġi sseparata miċ-ċelloli tal-ħmira permezz tal-mikrofiltrazzjoni u kkonċentrata permezz tal-ultrafiltrazzjoni. B'riżultat ta' dan, iċ-ċelloli tal-ħmira ma jkunux ittrasferiti għal ġol-preparazzjoni tal-ISP bħala ċelloli tal-ħmira jew taħt forma mibdula. Il-preparazzjoni tal-ISP tikkonsisti minn ISP fl-istat naturali tagħha, ISP glikosilata u proteini u peptidi mill-ħmira u miz-zokkor kif ukoll aċidu u mluħa li normalment jinstabu fl-ikel. Il-konċentrat jiġi stabilizzat b'bafer ta' aċidu ċitriku ta' 10 mM. Assaġġ: ≥ 5 g/l ta' ISP attiva pH: 2,5-3,5 Rmied: ≤ 2,0 % DNA: Mhux traċċabbli
Estratt milwiem mill-weraq niexef tal-*Ilex guayusa*	**Deskrizzjoni/Definizzjoni:** Likwidu kannella skur. Estratti milwiema mill-weraq niexef tal-*Ilex guayusa.* **Kompożizzjoni:** Proteina: < 0,1 g/100 ml Xaħam: < 0,1 g/100 ml Karboidrat: 0,2–0,3 g/100 ml Total taz-zokkor: < 0,2 g/100 ml Kafeina: 19,8-57,7 mg/100 ml Teobromina: 0,14-2,0 mg/100 ml Aċidi kloroġeniċi: 9,9-72,4 mg/100 ml
▼M46 **Infużjoni mill-weraq tal-kafe ta' *Coffea arabica* L. u/jew minn *Coffea canephora* Pierre ex A. Froehner** **(Ikel tradizzjonali minn pajjiż terz)**	**Deskrizzjoni/Definizzjoni:** L-ikel tradizzjonali jikkonsisti f'infużjoni ta' weraq minn *Coffea arabica* L. u/jew minn *Coffea canephora* Pierre ex A.Froehner (familja: Rubiaceae). L-ikel tradizzjonali huwa ppreparat billi jitħallat massimu ta' 20 g ta' weraq niexef minn *Coffea arabica* L. u/jew *Coffea canephora* Pierre ex A.Froehner b' 1 L ta' ilma sħun. Il-weraq jitneħħew u l-infużjoni mbagħad tiġi soġġetta għal pastorizzazzjoni (minn tal-inqas 71 °C għal 15-il sekonda).


▼M46

Ikel Ġdid Awtorizzat	Speċifikazzjonijiet
	Kompożizzjoni: Dehra: Likwidu aħdar kannella Riħa u togħma: Karatteristika Aċidu kloroġeniku (5-CQA): < 100 mg/L Kafeina: < 80 mg/L Gallat tal-epigallokatekina (EGCG): < 700 mg/L **Kriterji mikrobijoloġiċi:** Għadd totali tal-kolonji: < 500 CFU/g Għadd ta' ħmira u moffa totali: < 100 CFU/g Koliformi totali: < 100 CFU/g *Escherichia coli*: Assenti f'1 g *Salmonella*: Assenti f'25 g **Metalli tqal:** Ċomb (Pb): < 3,0 mg/L Arseniku (As): < 2,0 mg/L Kadmju (Cd): < 1,0 mg/L CFU: Unitajiet li Jiffurmaw il-Kolonji

▼M9

Isomalto-oligosakkarid	**Trab:** Solubbiltà (fl-ilma) (%): > 99 Glukożju (% bażi niexfa): ≤ 5,0 Iżomaltożju + DP3 sa DP9 (% bażi niexfa): ≥ 90 Ndewwa (%): ≤ 4,0 Rmied issulfat (g/100 g): ≤ 0,3 **Metalli tqal:** Ċomb (mg/kg): ≤ 0,5 Arseniku (mg/kg): ≤ 0,5

▼M9

Ikel Ġdid Awtorizzat	Speċifikazzjonijiet
	Ġulepp: Solidi niexfa (g/100 g): > 75 Glukożju (% bażi niexfa): ≤ 5,0 Iżomaltożju + DP3 sa DP9 (% bażi niexfa): ≥ 90 pH: 4 - 6 Rmied issulfat (g/100 g): ≤ 0,3 **Metalli tqal:** Ċomb (mg/kg): ≤ 0,5 Arseniku (mg/kg): ≤ 0,5
Iżomaltulożju	**Deskrizzjoni/Definizzjoni:** Bħala disakkarid li jikkonsisti minn parti ta' glukożju u parti ta' fruttożju mwaħħlin ma' xulxin permezz ta' rabta alfa-1,6-glikosidika. Jista' jinkiseb mis-sukrożju permezz ta' proċess enzimatiku. Il-prodott kummerċjali huwa l-monoidrat. Dehra: Kwaži bla riħa, kristalli bojod jew kwaži bojod b'togħma ħelwa Isem kimiku: 6-O-α-D-glukopiranosil-D-fruttofuranożju, monoidrat Nru CAS: 13718-94-0 Formula kimika: $C_{12}H_{22}O_{11} \cdot H_2O$ Formula strutturali  Piż tal-formula: 360,3 (monoidrat)

▼M9

Ikel Ġdid Awtorizzat	Speċifikazzjonijiet
	Purità: Assaġġ: ≥ 98 % fuq il-bażi niexfa Telf mat-tnixxif: ≤ 6,5 % (60 °C, 5 sigħat) **Metalli tqal:** Ċomb: ≤ 0,1 mg/kg Iddetermina permezz ta' teknika tal-assorbiment atomiku xierqa għal-livell speċifikat. L-għażla tad-daqs tal-kampjuni u l-metodu tal-preparazzjoni tal-kampjuni jistgħu jkunu bbażati fuq il-prinċipji tal-metodu deskritt fl-FNP 5 ([1]), "Metodi strumentali" ([1]) Food and Nutrition Paper 5 Rev. 2 — Guide to specifications for general notices, general analytical techniques, identification tests, test solutions and other reference materials (JECFA), 1991, 322 pp., English, ISBN 92-5-102991-1.
Lattitol	**Deskrizzjoni/Definizzjoni:** Trab kristallin jew soluzzjoni bla kulur immanifatturata bl-idroġenazzjoni katalitika tal-lattożju. Il-prodotti kristallini jinsabu fil-forma anidra, monoidrata u diidrat. In-nikil jintuża bħala katalista. Isem kimiku: 4-O-β-D-Galattopiranosil-D-glucitol Formula kimika: $C_{12}H_{24}O_{11}$ Piż molekulari: 344,31 g/mol Nru CAS: 585-86-4 **Purità:** Solubilità (fl-ilma): Solubbli ħafna fl-ilma Rotazzjoni speċifika $[\alpha]_D^{20}$ = + 13° sa + 16° Assaġġ: ≥ 95 % d.b (d.b - espress abbażi tal-piż niexef) Ilma: ≤ 10,5 % Polioli oħrajn: ≤ 2,5 % d.b Zokkriet ta' riduzzjoni: ≤ 0,2 % d.b Kloruri: ≤ 100 mg/kg d.b Sulfati: ≤ 200 mg/kg d.b Rmied issulfat: ≤ 0,1 % d.b Nikil: ≤ 2.0 mg/kg d.b Arseniku: ≤ 3.0 mg/kg d.b Ċomb: ≤ 1.0 mg/kg d.b

▼M9

Ikel Ġdid Awtorizzat	Speċifikazzjonijiet
Latto-*N*-neotetraożju (sintetiku)	**Definizzjoni**: Isem kimiku: β-D-Galattopiranosil-(1→4)-2-aċetamido-2-deossi-β-D-glukopiranosil-(1→3)-β-D-galattopiranosil-(1→4)-D-glukopiranożju Formula kimika: $C_{26}H_{45}NO_{21}$ Nru CAS: 13007-32-4 Piż molekulari: 707,63 g/mol **Deskrizzjoni:** Il-latto-*N*-neotetraożju huwa trab abjad għal abjad miksur li huw prodott permezz ta' proċess ta' sinteżi kimika u jiġi iżolat permezz tal-kristallizzazzjoni. **Purità:** Assaġġ (mingħajr ilma): ≥ 96 % D-Lattożju: ≤ 1,0 % Latto-N-triożju II: ≤ 0,3 % Isomeru tal-fruttożju latto-N-neotetraożju: ≤ 0,6 % pH (20 °C, soluzzjoni ta' 5 %): 5,0-7,0 Ilma: ≤ 9,0 % Rmied, issulfat: ≤ 0,4 % Aċidu aċetiku: ≤ 0,3 % Solventi residwi (metanol, 2-propanol, aċetat tal-metil, aċeton): ≤ 50 mg/kg l-wieħed, ≤ 200 mg/kg flimkien Proteini residwi: ≤ 0,01 % Palladju: ≤ 0,1 mg/kg Nikil: ≤ 3,0 mg/kg **Kriterji mikrobijoloġiċi:** Għadd totali ta' batterji aerobiċi mežofiliċi: ≤ 500 CFU/g Ħmejjer: ≤ 10 CFU/g Mofof: ≤ 10 CFU/g Endotossini residwi: ≤ 10 EU/mg
▼M33	
Lakto-*N*-neotetraożju (sors mikrobjali)	**Definizzjoni:** Isem kimiku: β-D-Galaktopiranożil-(1→4)-2-aċetamido-2-deoksi-β-D-glukopiranożil-(1→3)-β-D-galaktopiranożil-(1→4)-D-glukopiranożju Formula kimika: $C_{26}H_{45}NO_{21}$ Nru tal-CAS: 13007-32-4 Piż molekulari: 707,63 g/mol

▼M33

Ikel Ġdid Awtorizzat	Speċifikazzjonijiet
	Sors: Ir-razza K-12 ġenetikament modifikata tal-*Escherichia coli* **Deskrizzjoni:** Il-Lakto-*N*-neotetraożju huwa trab ta' lewn abjad għal abjad mitfi li jiġi prodott permezz ta' proċess mikrobijoloġiku. **Purezza:** Assaġġ (mingħajr ilma): ≥ 80 % D-Lattożju: ≤ 10,0 % Lakto-*N*-triożju II: ≤ 3,0 % *para*-Lakto-*N*-neoeżaożju: ≤ 5,0 % Isomeru tal-fruttożju tal-Lakto-*N*-neotetraożju: ≤ 1,0 % Somma tas-sakkaridi (Lakto-*N*-neotetraożju, D-Lattożju, Lakto-*N*-triożju II, *para*-Lakto-*N*-neoeżaożju, l-isomeru tal-fruttożju tal-Lakto-*N*-neotetraożju): ≥ 92 % pH (20 °C, soluzzjoni ta' 5 %): 4,0-7,0 Ilma: ≤ 9,0 % Irmied, issulfat: ≤ 0,4 % Solventi residwi (metanol): ≤ 100 mg/kg Proteini residwi: ≤ 0,01 % **Kriterji mikrobijoloġiċi:** L-għadd totali ta' batterji mežofiliċi aerobiċi: ≤ 500 CFU/g Ħmira: ≤ 10 CFU/g Moffa: ≤ 10 CFU/g Endotossini residwi: ≤ 10 EU/mg CFU: Unitajiet li Jiffurmaw il-Kolonji; EU: Unitajiet ta' Endotossini.
▼M43	
Latto-*N*-tetraożju (“LNT”) (sors mikrobjali)	**Definizzjoni:** Formula kimika: $C_{26}H_{45}O_{21}$ Isem kimiku: β-D-Galattopiranosil-(1→3)-2-aċetamido-2-deossi-β-D-glukopiranosil-(1→3)-β-D-galattopiranosil-(1→4)-D-glukopiranożju Piż molekulari: 707,63 Da Nru CAS 14116-68-8

▼M43

Ikel Ġdid Awtorizzat	Speċifikazzjonijiet
	Deskrizzjoni: Il-Latto-*N*-tetraożju huwa trab purifikat, amorfu, abjad jagħti fl-abjad miksur li jiġi prodott permezz ta' proċess mikrobjali. **Sors:** Ir-razza ġenetikament modifikata tal-*Escherichia coli* K-12 DH1 **Karatteristiċi/Kompożizzjoni:** Dehra: Trab abjad jagħti fl-abjad miksur Somma ta' latto-*N*-tetraożju, D-Lattożju u latto-*N*-tetraożju II (% ta' materja niexfa): ≥ 90,0 % (w/w) Latto-*N*-tetraożju (% ta' materja niexfa): ≥ 70,0 % (w/w) D-Lattożju: ≤ 12,0 % (w/w) Latto-*N*-tetraożju II: ≤ 10,0 % (w/w) *Para*-latto-*N*-eżaożju-2: ≤ 3,5 % (w/w) Latto-*N*-tetraożju isomeru tal-fruttożju: ≤ 1,0 % (w/w) Somma ta' karboidrati oħra: ≤ 5,0 % (w/w) Indewwa: ≤ 6,0 % (w/w) Rmied, issulfat: ≤ 0,5 % (w/w) pH (20 °C, soluzzjoni ta' 5 %): 4,0–6,0 Proteini residwi: ≤ 0,01 % (w/w) **Kriterji mikrobijoloġiċi:** Għadd totali ta' batterji mežofiliċi aerobiċi: ≤ 1 000 CFU/g *Enterobacteriaceae*: ≤ 10 CFU/g *Salmonella* sp.: Negattiv/25 g Ħmira: ≤ 100 CFU/g Moffa: ≤ 100 CFU/g Endotossini residwi: ≤ 10 EU/mg CFU: Unitajiet li Jiffurmaw il-Kolonji; EU: Unitajiet ta' Endotossini
▼M20	
Il-frott artab tal-*Lonicera caerulea* L. (haskap) **(Ikel tradizzjonali minn pajjiż terz)**	**Deskrizzjoni/Definizzjoni:** L-ikel tradizzjonali huwa l-frott artab frisk u ffriżat tal-*Lonicera caerulea* var. edulis. Il-*Lonicera caerulea* L. hija sġajra deċidwa tal-familja *Caprifoliaceae.* **Komponenti nutrittivi tipiċi tal-frott artab tal-haskap** (tal-frott artab frisk): Karboidrati: 12,8 % Fibra: 2,1 % Lipidi: 0,6 % Proteina: 0,7 %

▼M20

Ikel Ġdid Awtorizzat	Speċifikazzjonijiet
	Rmied: 0,4 % Ilma: 85,5 %
▼M9 **Estratt tal-weraq tal-alfalfa mill-*Medicago sativa***	**Deskrizzjoni/Definizzjoni:** L-alfalfa (*Medicago sativa* L.) tiġi pproċessata fl-ewwel sagħtejn wara li tinħasad. Titqatta' u titgħaffeġ. Meta tingħadda minn pressa ta' tip żejtni, l-alfalfa tipprovdi residwu fibruż u meraq mill-pressa (10 % tal-materja niexfa). Il-materja niexfa ta' dan il-meraq fiha madwar 35 % ta' proteina mhux raffinata. Il-meraq ippressat (pH 5,8-6,2) jiġi newtralizzat. It-tisħin minn qabel u l-injezzjoni tal-fwar jippermettu l-koagulazzjoni tal-proteini assoċjati mal-pigmenti karotenojdi u tal-klorofilla. Il-preċipitat proteiniku jiġi sseparat permezz taċ-ċentrifugazzjoni u mbagħad jitnixxef. Wara li jinżiedlu l-aċidu askorbiku, il-konċentrat tal-proteina tal-alfalfa jitfarrak u jinħażen fil-gass inerti jew fil-kesħa. **Kompożizzjoni:** Proteina: 45-60 % Xaħam: 9-11 % Karboidrati liberi (fibra solubbli): 1-2 % Polisakkaridi (fibra insolubbli): 11-15 % inkluża ċ-ċelluloża: 2-3 % Minerali: 8-13 % Saponini: ≤ 1,4 % Isoflavoni: ≤ 350 mg/kg Kumestrol: ≤ 100 mg/kg Fitati: ≤ 200 mg/kg L-kanavanin: ≤ 4,5 mg/kg
Likopen	**Deskrizzjoni/Definizzjoni:** Il-likopen sintetiku huwa prodott mill-kondensament Wittig ta' intermedji sintetiċi li jintużaw ħafna fil-produzzjoni ta' karotenojdi oħra li jintużaw fl-ikel. Il-likopen sintetiku jikkonsisti minn ≥ 96 % likopen u kwantitajiet żgħar ta' komponenti karotenojdi relatati oħrajn. Il-likopen huwa ppreżentat jew bħala trab f'matriċi addattata jew bħala dispersjoni żejtnija. Il-kulur huwa aħmar skur jew aħmar jagħti fil-vjola. Il-protezzjoni antiossidativa trid tkun żgurata. Isem kimiku: Likopen Nru CAS: 502-65-8 (translikopen kollu) Formula kimika: $C_{40}H_{56}$ Piż tal-formula: 536,85 Da

▼M9

Ikel Ġdid Awtorizzat	Speċifikazzjonijiet
Likopen mill-*Blakeslea trispora*	**Deskrizzjoni/Definizzjoni:** Il-likopen ippurifikat mill-*Blakeslea trispora* jikkonsisti minn ≥ 95 % ta' likopen u ≤ 5 % ta' karotenojdi oħrajn. Jiġi ppreżentat jew bħala trab f'matriċi addattata jew bħala dispersjoni żejtnija. Il-kulur huwa aħmar skur jew aħmar jagħti fil-vjola. Il-protezzjoni antiossidativa trid tkun żgurata. Isem kimiku: Likopen Nru CAS: 502-65-8 (translikopen kollu) Formula kimika: $C_{40}H_{56}$ Piż tal-formula: 536,85 Da
Likopen mit-tadam	**Deskrizzjoni/Definizzjoni:** Il-likopen ippurifikat mit-tadam (*Lycopersicon esculantum* L.) jikkonsisti minn ≥ 95 % ta' likopen u ≤ 5 % ta' karotenojdi oħrajn. Jiġi ppreżentat jew bħala trab f'matriċi addattata jew bħala dispersjoni żejtnija. Il-kulur huwa aħmar skur jew aħmar jagħti fil-vjola. Il-protezzjoni antiossidativa trid tkun żgurata. Isem kimiku: Likopen Nru CAS: 502-65-8 (translikopen kollu) Formula kimika: $C_{40}H_{56}$ Piż tal-formula: 536,85 Da
Oleoraża tal-likopen mit-tadam	**Deskrizzjoni/Definizzjoni:** Ir-reżina żejtnija tal-likopen mit-tadam tinkiseb permezz ta' estrazzjoni mit-tadam misjur (*Lycopersicon esculentum Mill.*) bis-solventi bit-tneħħija sussegwenti tas-solvent. Dan huwa likwidu luċidu, viskuż ta' lewn li jvarja minn aħmar għal kannella skur. Likopen totali: 5-15 % Li minnu trans-likopen: 90-95 % Karotenojdi totali (ikkalkolati bħala likopen): 6,5-16,5 % Karotenojdi oħrajn: 1,75 % (Fitoen/Fitofluwen/β-karotina): (0,5-0,75/0,4-0,65/0,2-0,35 %) Tokoferoli totali: 1,5-3,0 % Materja insaponifikabbli: 13-20 % Total ta' aċidi xaħmin: 60-75 % Ilma (Karl Fischer): ≤ 0,5 %

▼M9

Ikel Ġdid Awtorizzat	Speċifikazzjonijiet
Ċitrat malat tal-manjeżju	**Deskrizzjoni/Definizzjoni:** Iċ-ċitrat malat tal-manjeżju huwa trab amorfu abjad għal abjad safrani. Formula kimika: Mg_5 $(C_6H_5O_7)_2$ $(C_4H_4O_5)_2$ Isem kimiku: Pentamanjeżju di-(2-idrossibutanedioat)-di-(2- idrossipropan-1,2,3,-trikarbossilat) Nru CAS: 1259381-40-2 Piż molekulari: 763,99 Daltons (anidru) Solubbiltà: Solubbli faċilment fl-ilma (madwar 20 g f'100 ml) Deskrizzjoni tiegħu fl-istat fiżiku: Trab amorfu Manjeżju tal-assaġġ: 12,0-15,0 % Telf fit-tnixxif (120 °C għal 4 sigħat): ≤ 15 % Kulur (solidu): Trab abjad għal abjad safrani Kulur (soluzzjoni milwiema ta' 20 %): Bla kulur għal safrani Dehra (soluzzjoni milwiema ta' 20 %): Soluzzjoni lucida pH (soluzzjoni milwiema ta' 20 %): Madwar 6,0 **Impuritajiet:** Klorur: ≤ 0,05 % Sulfat: ≤ 0,05 % Arseniku: ≤ 3,0 ppm Ċomb: ≤ 2,0 ppm Kadmju: ≤ 1 ppm Merkurju: ≤ 0,1 ppm
Estratt mill-qoxra tas-siġra tal-manjolja	**Deskrizzjoni/Definizzjoni:** L-estratt mill-qoxra tas-siġra tal-manjolja jinkiseb mill-qoxra tal-pjanta *Magnolia officinalis* L. u jiġi prodott permezz tad-diossidu tal-karbonju superkritiku. Il-qoxra tinħasel u titnixxef fil-forn biex jitnaqqas il-kontenut ta' ndewwa qabel ma titgħaffeġ u jinkiseb l-estratt permezz tad-diossidu tal-karbonju superkritiku. L-estratt jinħall fl-etanol ta' grad mediku u jiġi kkristallizzat mill-ġdid biex jagħti l-estratt tal-qoxra tal-manjolja. L-estratt tal-qoxra tal-manjolja huwa magħmul primarjament minn żewġ komposti fenoliċi, il-manjolol u l-ħonokjol. Dehra: Trab ta' lewn kannella ċar **Purità:** Manjolol: ≥ 85,2 % Ħonokjol: ≥ 0,5 %

▼M9

Ikel Ġdid Awtorizzat	Speċifikazzjonijiet
	Manjolol u Ħonokjol: ≥ 94 % Total ta' Ewdesmol: ≤ 2 % Ndewwa: 0,50 % **Metalli tqal:** Arseniku (ppm): ≤ 0,5 Ċomb (ppm): ≤ 0,5 Ewgenol tal-metil (ppm): ≤ 10 Tubokurarin (ppm): ≤ 2,0 Alkalojdi totali (ppm): ≤ 100
Żejt tas-sufara tal-qamħirrum li fih ħafna materja insaponifikabbli	**Deskrizzjoni/Definizzjoni:** Iż-żejt tas-sufara tal-qamħirrum li fih ħafna materja insaponifikabbli jiġi prodott permezz tad-distillazzjoni bil-vakwu u jvarja miż-żejt tas-sufara tal-qamħirrum irfinut minħabba l-konċentrazzjoni tal-frazzjoni insaponifikabbli (1,2 g fiż-żejt tas-sufara tal-qamħirrum irfinut u 10 g fiż-"żejt tas-sufara tal-qamħirrum li fih ħafna materja insaponifikabbli"). **Purità:** Materja insaponifikabbli: > 9,0 g/100 g Tokoferoli: ≥ 1,3 g/100 g α-tokoferol (%): 10-25 % β-tokoferol (%): < 3,0 % γ-tokoferol (%): 68-89 % δ-tokoferol (%): < 7,0 % Steroli, alkoħol triterpeniku, metilsteroli: > 6,5 g/100 g Aċidi xaħmin fit-trigliċeridi: aċidu palmitiku: 10,0-20,0 % aċidu steariku: < 3,3 % aċidu olejku: 20,0-42,2 % aċidu linolejku: 34,0-65,6 % aċidu linoleniku: < 2,0 % Valur aċiduż: ≤ 6,0 mg KOH/g Valur tal-perossidu (PV): ≤ 10 mEq O_2/kg

▼M9

Ikel Ġdid Awtorizzat	Speċifikazzjonijiet
	Metalli tqal: Ħadid (Fe): < 1 500 µg/kg Ram (Cu): < 100 µg/kg **Impuritajiet:** Idrokarburi aromatiċi poliċikliċi (PAH) Benżo(a)piren: < 2 µg/kg It-trattament bil-faħam attiv huwa meħtieġ biex ikun żgurat li l-idrokarburi aromatiċi poliċikliċi (PAH) ma jiġux arrikkiti fil-produzzjoni taż-"żejt tas-sufara tal-qamħirrum b'materja insaponifikabbli għolja"
Metilċelluloża	**Deskrizzjoni/Definizzjoni:** Ċelluloži metilika hija ċelluloži akkwistata direttament minn razez naturali tal-materja minn pjanti fibruži u parzjalment eterifikata mal-gruppi metiliċi. Isem kimiku: Etere metiliku taċ-ċelluloża Formula kimika: Il-polimeri fihom unitajiet sostitwiti tal-anidroglukożju b'din il-formula ġenerali li ġejja: C6H7O2(OR1)(OR2)(OR3) fejn R1, R2, R3 jistgħu jkunu lkoll wieħed minn dawn li ġejjin: — H — CH_3 jew — CH_2CH_3 Piż molekulari: Makromolekuli: minn madwar 20 000 (n madwar 100) sa madwar 380 000 g/mol (n madwar 2 000) Assaġġ: Kontenut ta' mhux anqas minn 25 % u mhux aktar minn 33 % ta' gruppi metossiliċi (-OCH_3) u mhux aktar minn 5 % ta' gruppi idrossietossiliċi (-OCH_2CH_2OH) Trab granulari jew fibruż, kemxejn igroskopiku bajdani jew xi ftit safrani jew fil-griż, mingħajr riħa u mingħajr togħma. Solubbiltà: Jintefaħ fl-ilma, jipproduċi soluzzjoni luċida jew opalixxenti, viskuża u kollodjali. Insolubbli fl-etanol, fl-etere u fil-kloroformi. Solubbli fl-aċidu aċetiku glaċjali. **Purità:** Telf mat-tnixxif: ≤ 10 % (105 °C, 3 sigħat) Irmied Issulfat: ≤ 1,5 % iddeterminat fi 800 ± 25 °C pH: ≥ 5,0 u ≤ 8,0 (1 % soluzzjoni kollojdali) **Metalli tqal:** Arseniku: ≤ 3,0 mg/kg Ċomb: ≤ 2,0 mg/kg Merkurju: ≤ 1,0 mg/kg Kadmju: ≤ 1,0 mg/kg

▼M9

Ikel Ġdid Awtorizzat	Speċifikazzjonijiet
▼M11	
Klorur tal-1-Metilnikotinammid	**Definizzjoni:** Isem kimiku: klorur tat-3-karbamojl-1-metil-piridinjum Formula kimika: $C_7H_9N_2OCl$ Nru CAS: 1005-24-9 Piż molekulari: 172,61 Da **Deskrizzjoni** il-klorur tal-1-Metilnikotinammid huwa solidu kristallin abjad jew abjad maħmuġ, prodott permezz ta' proċess ta' sinteżi kimika. **Karatteristiċi/Kompożizzjoni** Dehra: Solidu kristallin minn abjad sa abjad maħmuġ Purità: ≥ 98,5 % Trigonellina: ≤ 0,05 % Aċidu Nikotiniku: ≤ 0,10 % Nikotinammid ≤ 0,10 % L-akbar impurità mhux magħrufa: ≤ 0,05 % It-total ta' impuritajiet mhux magħrufa: ≤ 0,20 % It-total ta' impuritajiet: ≤ 0,50 % Solubbiltà: Jinħall fl-ilma u fil-metanol. Prattikament ma jinħallx fit-2-propanol u fid-diklorometan Ndewwa: ≤ 0,3 % Telf mat-tnixxif: ≤ 1,0 % Residwu mat-tqabbid: ≤ 0,1 % **Solventi Residwi u Metalli Tqal** Metanol: ≤ 0,3 % Metalli tqal: ≤ 0,002 % **Kriterji mikrobijoloġiċi:** L-għadd mikrobjali aerobiku totali: ≤ 100 CFU/g Ħmira/moffa: ≤ 10 CFU/g Enterobacteriaceae: assenti f'1 g *Pseudomonas aeruginosa*: assenti f'1 g *Staphylococcus aureus:* assenti f'1 g CFU: Unitajiet li Jiffurmaw il-Kolonji

▼M9

Ikel Ġdid Awtorizzat	Speċifikazzjonijiet
Aċidu (6S)-5-metiltetraidrofoliku, melħ tal-glukożammina	**Deskrizzjoni/Definizzjoni:** Isem kimiku: N-[4-[[[(6S)-2-ammino-1,4,5,6,7,8-eżaidro-5-metil-4-osso-6-pteridinil]metil]ammino]benżoil]-L-aċidu glutammiku, melħ tal-glukosammina Formula kimika: $C_{32}H_{51}N_9O_{16}$ Piż molekulari: 817,80 g/mol (anidruż) Nru CAS: 1181972-37-1 Dehra: Trab ta' lewn bajdani għal kannella ċar **Purità:** Purità diastereoiżomerika: Mill-inqas 99 % ta' aċidu (6S)-5-metiltetraidrofoliku Assaġġ tal-glukosammina: 34-46 % f'bażi xotta Assaġġ tal-aċidu 5-metiltetraidrofoliku: 54-59 % f'bażi xotta Ilma: ≤ 8,0 % **Metalli tqal:** Ċomb: ≤ 2,0 ppm Kadmju: ≤ 1,0 ppm Merkurju: ≤ 0,1 ppm Arseniku: ≤ 2,0 ppm Boron: ≤ 10 ppm **Kriterji mikrobijoloġiċi:** Għadd mikrobjali aerobiku totali: ≤ 100 CFU/g Ħmira u moffa: ≤ 100 CFU/g *Escherichia coli*: Assenti f'10 g
Monometilsilanetrijol (Siliċju organiku)	**Deskrizzjoni/Definizzjoni:** Isem kimiku: Silanetrijol, 1-metil- Formula kimika: CH_6O_3Si Piż molekulari: 94,14 g/mol Nru CAS: 2445-53-6

▼M9

Ikel Ġdid Awtorizzat	Speċifikazzjonijiet
	Purità: Preparazzjoni tas-siliċju organiku (monometilsilanetrijol) (soluzzjoni milwiema): Aċidità (pH): 6,4-6,8 Siliċju: 100-150 mg Si/l **Metalli tqal:** Ċomb: ≤ 1,0 µg/l Merkurju: ≤ 1,0 µg/l Kadmju: ≤ 1,0 µg/l Arseniku: ≤ 3,0 µg/l **Solventi:** Metanol: ≤ 5,0 mg/kg (preżenza residwa)
Estratt tal-miċelju mill-faqqiegħ Shiitake (*Lentinula edodes*)	**Deskrizzjoni/Definizzjoni:** L-ingredjent tal-ikel ġdid huwa estratt milwiem sterili miksub mill-miċelju tal-*Lentinula edodes* ikkultivat ġo fermentazzjoni mgħaddsa. Huwa likwidu kannella ċar, kemxejn imdardar. Il-lentinan huwa β-(1-3) β-(1-6)-D-glukan li għandu piż molekulari ta' madwar 5 x 10^5 Daltons, livell ta' fergħat ta' 2/5 u struttura spirali terzjarja tripla. **Purità/Kompożizzjoni tal-estratt miċeljali mil-*Lentinula edodes*:** Ndewwa: 98 % Materja niexfa: 2 % Glukożju liberu: < 20 mg/ml Proteini totali ([1]): < 0.1 mg/ml Kostitwenti li fihom N ([2]): < 10 mg/ml Lentinan: 0,8 – 1,2 mg/ml ([1]) Metodu Bradford ([2]) Metodu Kjeldahl
▼M38 **Klorur tan-nikotinammidribosid**	**Deskrizzjoni/Definizzjoni:** L-ikel ġdid huwa forma sintetika tan-nikotinammidribosid. L-ikel ġdid fih ≥ 90 % ta' klorur tan-nikotinammidribosid, b'mod predominanti fil-forma β tiegħu, filwaqt li l-komponenti li jifdal huma solventi residwi, prodotti sekondarji ta' reazzjoni u prodotti ta' degradazzjoni.

▼M38

Ikel Ġdid Awtorizzat	Speċifikazzjonijiet
	Klorur tan-nikotinammidribosid: Numru CAS: 23111-00-4 Numru tal-KE: 807-820-5 Isem tal-IUPAC: 1-[(2R,3R,4S,5R)-3,4-diidrossi-5-(idrossimetil)ossolan-2-il]piridin-1-ju-3-karbossammid;klorur Formula kimika: $C_{11}H_{15}N_2O_5Cl$ Piż molekulari: 290,7 g/mol **Karatteristiċi/Kompożizzjoni:** Kulur: Abjad fil-kannella ċar Forma: Trab Identifikazzjoni: Ikkonfermata minn l-NMR (reżonanza manjetika nukleari) Klorur tan-nikotinammidribosid: ≥ 90 % Kontenut ta' ilma: ≤ 2 % **Solventi residwi:** Aċeton: ≤ 5 000 mg/kg Metanol: ≤ 1 000 mg/kg Aċetonitril: ≤ 50 mg/kg Metil-terz-butil-etere: ≤ 500 mg/kg **Prodotti sekondarji ta' reazzjoni:** Aċetat tal-metil: ≤ 1 000 mg/kg Aċetammid: ≤ 27 mg/kg Aċidu aċetiku: ≤ 5 000 mg/kg **Metalli tqal:** Arseniku: ≤ 1 mg/kg **Kriterji mikrobijoloġiċi:** Għadd Totali tal-Kolonji: ≤ 1000 CFU/g Ħmira u Moffa: ≤ 100 CFU/g *Escherichia coli*: Assenza f'10 g
▼M9 **Meraq tal-frott tan-Noni (*Morinda citrifolia*)**	**Deskrizzjoni/Definizzjoni:** Il-frott tan-Noni (il-frott tal-*Morinda citrifolia* L.) jiġi ppressat. Il-meraq li jinkiseb jiġi ppasturizzat. Jista' jsir pass fakultattiv ta' fermentazzjoni qabel jew wara l-ippressar. Rubiadin: ≤ 10 µg/kg Luċidin: ≤ 10 µg/kg

▼M9

Ikel Ġdid Awtorizzat	Speċifikazzjonijiet
Trab tal-meraq tal-frott tan-Noni (*Morinda citrifolia*)	**Deskrizzjoni/Definizzjoni:** Iż-żerriegħa u l-qoxra tal-frott tal-*Morinda citrifolia* imnixxef fix-xemx jitneħħew. Il-polpa li tinkiseb tiġi ffiltrata biex il-meraq jinfired mil-laħma tal-frott. It-tnixxif tal-meraq li jinkiseb jista' jsir b'żewġ modi: Jew bl-atomizzazzjoni bl-użu ta' maltodestrini tal-qamħirrum, din it-taħlita tinkiseb billi r-rati tal-influss tal-meraq u tal-maltodestrini jinżammu kostanti Inkella biż-żeodratazzjoni jew bit-tnixxif segwit b'taħlit ma' eċċipjent, dan il-proċess jippermetti li l-ewwel jitnixxef il-meraq imbagħad jitħallat mal-maltodestrini (l-istess ammont li jintuża fl-atomizzazzjoni).
Purè u konċentrat tal-frott tan-noni (*Morinda citrifolia*)	**Deskrizzjoni/Definizzjoni:** Il-frott *Morinda citrifolia* jinħasad bl-idejn. Iż-żerriegħa u l-qoxra jistgħu jinfirdu b'mod mekkaniku mill-frott mgħaffeġ. Wara l-pasturizzazzjoni, il-purè jiġi ppakkjat f'kontenituri li mhumiex settiċi u jinħażen f'kundizzjonijiet kesħin. Il-konċentrat tal-*Morinda citrifolia* jitħejja mill-purè tal-*M. citrifolia* permezz ta' trattament b'enzimi pektinolitiċi (50-60 °C għal siegħa-sagħtejn). Imbagħad il-purè jissaħħan biex imewwet il-pectinases u mbagħad jitkessaħ mill-ewwel. Il-meraq jinfired f'karaffa ċentrifuga. Wara, il-meraq jinġabar u jiġi pasturizzat, qabel ma jiġi kkonċentrat f'evaporatur vakwu minn brix ta' 6 sa 8 għal brix ta' 49 sa 51 fil-konċentrat finali. **Kompożizzjoni:** **Purè**: Ndewwa: 89-93 % Proteina: < 0,6 g/100 g Xaħam: ≥ 0,4 g/100 g Rmied: < 1,0 g/100 g Karboidrati totali: 5-10 g/100 g Fruttożju: 0,5-3,82 g/100 g Glukożju: 0,5-3,14 g/100 g Fibra: < 0,5-3 g/100 g 5,15-dimetilmorindol (1): ≤ 0,254 µg/ml Luċidin (1): Mhux traċċabbli Aliżarin (1): Mhux traċċabbli Rubiadin (1): Mhux traċċabbli **Konċentrat**: Ndewwa: 48-53 %

▼M9

Ikel Ġdid Awtorizzat	Speċifikazzjonijiet
	Proteina: 3-3,5 g/100 g Xaħam: < 0,04 g/100 g Rmied: 4,5-5,0 g/100 g Karboidrati totali: 37-45 g/100 g Fruttożju: 9-11 g/100 g Glukożju: 9-11 g/100 g Fibra: 1,5-5,0 g/100 g 5,15-dimetilmorindol ([1]): ≤ 0,254 µg/ml ([1]) *B'metodu HPLC-UV żviluppat u vvalidat għall-analiżi tal-antrakwinoni fil-purè u fil-konċentrat tal-Morinda citrifolia. Limiti ta' detezzjoni: 2,5 ng/ml (5,15 dimetilmorindol); 50,0 ng/mL (luċidin); 6,3 ng/ml (aliżarin) u 62,5 ng/ml (rubiadin).*
Weraq tan-noni (*Morinda citrifolia*)	**Deskrizzjoni/Definizzjoni:** Wara li jinqatgħu, il-weraq tal-*Morinda citrifolia* jitnixxfu u jinħmew. Il-prodott għandu daqs tal-partiċelli li jvarja minn weraq imkisser għal trab mhux ipproċessat u trab fin. Kuluru huwa bejn kannella ħadrani u kannella. **Purità/Kompożizzjoni:** Ndewwa: < 5,2 % Proteina: 17- 20 % Karboidrat: 55-65 % Rmied: 10-13 % Xaħam: 4-9 % Aċidu ossaliku: < 0,14 % Aċidu tanniku: < 2,7 % 5,15-dimetilmorindol: < 47 mg/kg Rubiadin: mhux traċċabbli, ≤ 10 µg/kg Luċidin: mhux traċċabbli, ≤ 10 µg/kg
Trab tal-frott tan-Noni (*Morinda citrifolia*)	**Deskrizzjoni/Definizzjoni:** It-trab tal-frott tan-Noni jsir mill-frott tan-noni (*Morinda citrifolia L.)* mgħaffeġ permezz tat-tnixxif bil-friża. Il-frott jitgħaffeġ u ż-żerriegħa titneħħa. Wara t-tnixxif bil-friża, meta jitneħħa l-ilma mill-frott tan-noni, il-polpa li tibqa' tintaħan sa ma ssir trab, imbagħad tingħalaq f'kapsuli.

▼M9

Ikel Ġdid Awtorizzat	Speċifikazzjonijiet
	Purità/Kompożizzjoni Ndewwa: 5,3-9 % Proteina: 3,8-4,8 g/100 g Xaħam: 1-2 g/100 g Rmied: 4,6-5,7 g/100 g Karboidrati totali: 80-85 g/100 g Fruttożju: 20,4-22,5 g/100 g Glukożju: 22-25 g/100 g Fibra: 15,4-24,5 g/100 g 5,15-dimetilmorindol ([1]): ≤ 2.0 µg/ml ([1]) *B'metodu HPLC-UV żviluppat u vvalidat għall-analiżi tal-antrakwinoni fit-trab tal-frott tal-Morinda citrifolia. Limiti ta' detezzjoni: 2,5 ng/ml (5,15 dimetilmorindol)*
Mikroalgi *Odontella aurita*	Siliċju: 3,3 % Siliċju kristallin: massimu ta' 0,1-0,3 % bħala impurità
Żejt bil-fitosteroli/fitostanoli miżjudin	**Deskrizzjoni/Definizzjoni:** Iż-żejt li fih il-fitosteroli/fitostanoli miżjudin huwa magħmul minn frazzjoni ta' żejt u frazzjoni ta' fitosterol. **Distribuzzjoni tal-Aċilgliċerol:** Aċidi xaħmin liberi (espressi bħala aċidu olejku): ≤ 2,0 % Monoaċilgliċeroli (MAG): ≤ 10 % Diaċilgliċeroli (DAG): ≤ 25 % Triaċilgliċeroli (TAG): Biex jinkiseb il-bilanċ **Frazzjoni ta' fitosterol:** β-sitosterol: ≤ 80 % β-sitostanol: ≤ 15 % kampesterol: ≤ 40 % kampestanol: ≤ 5,0 % stigmasterol: ≤ 30 % brassikasterol ≤ 3,0 % steroli/stanoli oħrajn: ≤ 3,0 %

▼M9

Ikel Ġdid Awtorizzat	Speċifikazzjonijiet
	Oħrajn: Ndewwa u volatilità: ≤ 0,5 % Valur tal-perossidu (PV): < 5,0 meq/kg Aċidi xaħmin trans: ≤ 1 % Kompożizzjoni/Purità (GC-FID jew metodu ekwivalenti) ta' fitosteroli/fitostanoli: Il-fitosteroli u l-fitostanoli estratti minn sorsi oħra għajr miż-żejt veġetali tajjeb għall-ikel, iridu jkunu ħielsa minn sustanzi kontaminanti, l-aħjar assigurazzjoni ta' dan huwa li l-purità tagħhom tkun ta' iktar minn 99 %.
Żejt estratt mill-klamari	Valur aċiduż: ≤ 0,5 KOH/g ta' żejt Valur tal-perossidu (PV): ≤ 5 meq O_2/kg ta' żejt Valur tal-anisidina-p: ≤ 20 Test kiesaħ f'0 °C: ≤ 3 sigħat Ndewwa: ≤ 0,1 % (w/w) Materja insaponifikabbli: ≤ 5,0 % Aċidi xaħmin trans: ≤ 1,0 % Aċidu dokosaeżaenojku: ≥ 20 % Aċidu ejkosapentenojku: ≥ 10 %

▼M44

Trabijiet taż-żerriegħa taċ-chia (*Salvia hispanica*) parzjalment sgrassati

Deskrizzjoni/Definizzjoni:

L-ikel ġdid huwa trabijiet taż-żerriegħa taċ-chia (*Salvia hispanica*) parzjalment sgrassati miksuba bl-ippressar u t-tħin taż-żrieragħ sħaħ ta' *Salvia hispanica* L.

Fiżiċi-sensorjali:

Materjal barrani: 0,1 %

	Trab b'kontenut għoli ta' proteini	Trab b'kontenut għoli ta' fibra
Daqs tal-partikola	≤ 130 μm	≤ 400 μm
Kompożizzjoni kimika:		
	Trab ta' *Salvia hispanica* b'kontenut għoli ta' proteini	Trab ta' *Salvia hispanica* b'kontenut għoli ta' fibra
Umdità	≤ 9,0 %	≤ 9,0 %
Proteini	≥ 40,0 %	≥ 24,0 %
Xaħam	≤ 17 %	≤ 12 %
Fibra	≤ 30 %	≥ 50 %

▼M44

Ikel Ġdid Awtorizzat	Speċifikazzjonijiet
	Kriterji mikrobijoloġiċi: Għadd totali tal-kolonji: ≤ 10 000 CFU/g Ħmira: ≤ 500 CFU/g Moffa: ≤ 500 CFU/g *Staphylococcus aureus*: ≤ 10 CFU/g Koliformi: < 100 MPN/g Enterobacteriacae: ≤ 100 CFU/g *Bacillus cereus*: ≤ 50 CFU/g *Escherichia coli*: < 10 MPN/g *Listeria monocytogenes*: Assenza/g *Salmonella* spp.: Assenza f'25 g **Kontaminanti**: Arseniku: ≤ 0,1 ppm Kadmju: ≤ 0,1 ppm Ċomb: ≤ 0,1 ppm Merkurju: ≤ 0,1 ppm Total ta' aflatossini: ≤ 4 ppb Okratossina A: ≤ 1 ppb

▼M9

	Parametru	*Mira*	*Kummenti*
Preparazzjonijiet ta' frott ippasturizzati permezz ta' trattament bi pressjoni għolja	Il-ħżin tal-frott qabel it-trattament bi pressjoni għolja	Minimu ta' 15-il jum f'temperatura ta'– 20 °C	Il-frott jinħasad u jinħażen skont prattiki tajbin/iġjeniċi tal-agrikultura u tal-manifattura
	Frott miżjud	40 % sa 60 % ta' frott maħlul	Il-frott jiġi omoġenizzat u jinżied mal-ingredjenti l-oħra
	pH	3,2 sa 4,2	
	^{o} Brix	7 sa 42	Żgurat biż-żieda taz-zokkor
	a_w	< 0,95	Żgurat biż-żieda taz-zokkor
	Il-ħażna finali	massimu ta' 60 jum f'temperatura massima ta' + 5 °C	Ekwivalenti għal reġim tal-ħżin għal prodott ipproċessat b'mod konvenzjonali

▼M9

Ikel Ġdid Awtorizzat	Speċifikazzjonijiet
▼M35	
Fenilkapsaiċina	**Deskrizzjoni/Definizzjoni:** Fenilkapsaiċina (*N*-[(4-idrossi-3-metossifenil)metil]-7-fenilett-6-inammid, $C_{21}H_{23}NO_3$, nru CAS: 848127-67-3), hija sintetizzata b'mod kimiku permezz ta' proċess ta' sinteżi f'żewġ passi li jinvolvi fl-ewwel pass il-produzzjoni tal-aċidu aċetileniku intermedju permezz ta' reazzjoni tal-fenil aċetilen b'derivattiv ta' aċidu karbossiliku, u fit-tieni pass, serje ta' reazzjonijiet tal-aċidu aċetileniku intermedju b'derivattiv tal-vanillilammina biex tiġi prodotta l-fenilkapsaiċina. **Karatteristiċi/Kompożizzjoni:** Purità (% ta' materja niexfa): ≥ 98 % Indewwa: ≤ 0,5 % Prodotti sekondarji ta' produzzjoni relatati mas-sinteżi totali: ≤ 1,0 % *N,N*-dimetil formammid: ≤ 880 mg/kg Diklorometan: ≤ 600 mg/kg Dimetossietan: ≤ 100 mg/kg Aċetat tal-etil: ≤ 0,5 % Solventi oħra: ≤ 0,5 % **Metalli tqal:** Ċomb: ≤ 1,0 mg/kg Kadmju: ≤ 1,0 mg/kg Merkurju: ≤ 0,1 mg/kg Arseniku: ≤ 1,0 mg/kg **Kriterji mikrobijoloġiċi:** Għadd totali tal-kolonji: ≤ 10 CFU/g Koliformi: ≤ 10 CFU/g *Escherichia coli*: Negattiv/10 g *Salmonella* sp.: Negattiv/10 g Ħmira u moffa: ≤ 10 CFU/g CFU: Unitajiet li Jiffurmaw il-Kolonji

▼M9

Ikel Ġdid Awtorizzat	Speċifikazzjonijiet
Lamtu tal-qamħirrum iffosfatat	**Deskrizzjoni/Definizzjoni:** Il-lamtu tal-qamħirrum iffosfatat (fosfat tad-diammid iffosfatat) huwa lamtu reżistenti mmodifikat kimikament miksub minn lamtu b'kontenut għoli ta' amiloży billi jitħalltu t-trattamenti kimiċi biex joħolqu l-ħoloq inkroċjati tal-fosfati bejn ir-residwi tal-karboidrati u l-gruppi tal-idrossili esterifikati. L-ingredjent tal-ikel ġdid huwa trab abjad jew kważi abjad. Nru CAS: 11120-02-8 Formula kimika: $(C_6H_{10}O_5)_n$ $[(C_6H_9O_5)_2PO_2H]x$ $[(C_6H_9O_5)PO_3H_2]y$ n = għadd ta' unitajiet ta' glukożju; x, y = gradi ta' sostituzzjoni Il-karatteristiċi kimiċi tal-fosfat tad-diammid iffosfatat: Telf mat-tnixxif: 10-14 % pH: 4,5-7,5 Fibra: ≥ 70 % Lamtu: 7-14 % Proteina: ≤ 0,8 % Lipidi: ≤ 0,8 % Fosfru residwu marbut: ≤ 0,4 % (fl-għamla ta' fosforu) minn sors ta' "qamħirrum li fih ħafna amilożju"
Fosfatidilserina mill-fosfolipidi tal-ħut	**Deskrizzjoni/Definizzjoni:** L-ingredjent tal-ikel ġdid huwa trab isfar għal kannella. Il-fosfatidilserina tinkiseb mill-fosfolipidi tal-ħut permezz ta' transfosforilazzjoni enzimatika bl-aċidu amminiku L-serina. **Speċifikazzjoni tal-prodott tal-fosfatidilserina immanifatturat mill-fosfolipidi tal-ħut:** Ndewwa: < 5,0 % Fosfolipidi: ≥ 75 % Fosfatidilserina: ≥ 35 % Gliċeridi: < 4,0 % L-serina libera: < 1,0 % Tokoferoli: < 0,5 %(1) Valur tal-perossidu (PV): < 5,0 meq O_2/kg (1) It-tokoferoli jistgħu jinżiedu bħala antiossidanti skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1129/2011

▼M9

Ikel Ġdid Awtorizzat	Speċifikazzjonijiet
Fosfatidilserina mill-fosfolipidi tas-sojja	**Deskrizzjoni/Definizzjoni:** L-ingredjent tal-ikel ġdid huwa trab ta' lewn abjad miksur għal isfar ċar. Huwa disponibbli wkoll f'għamla likwida lucida ta' lewn kannella għal oranġjo. L-għamla likwida fiha t-triagliċeridi b'katina medja (MCT) bħala trasportatur. Fiha livelli iktar baxxi ta' Fosfatidilserina minħabba li tinkludi ammonti sinifikanti ta' żejt (MCT). Il-Fosfatidilserina mill-fosfolipidi tas-sojja tinkiseb mit-transfosfatidilazzjoni enzimatika tal-leċitina tas-sojja b'livelli għolja ta' fosfatidilkolina mal-aċidu amminiku L-serina. Il-fosfatidilserina tikkonsisti minn qafas tal-gliċerofosfat ikkonjugat b'żewġ aċidi xaħmin u L-serina permezz ta' konnessjoni tal-fosfodiesteru. **Karatteristiċi tal-Fosfatidilserina mill-fosfolipidi tas-sojja:** **Fil-forma ta' trab:** Ndewwa: < 2,0 % Fosfolipidi: ≥ 85 % Fosfatidilserina: ≥ 61 % Gliċeridi: < 2,0 % L-serina libera: < 1,0 % Tokoferoli: < 0,3 % Fitosteroli: < 0,2 % **Forma likwida:** Ndewwa: < 2,0 % Fosfolipidi: ≥ 25 % Fosfatidilserina: ≥ 20 % Gliċeridi: mhux applikabbli L-serina libera: < 1,0 % Tokoferoli: < 0,3 % Fitosteroli: < 0,2 %
Prodott tal-fosfolipidi li fih ammonti ugwali ta' fosfatidilserina u aċidu fosfatidiku	**Deskrizzjoni/Definizzjoni:** Il-prodott huwa mmanifatturat permezz tal-konverżjoni enzimatika tal-leċitina tas-sojja. Il-prodott fosfolipidu huwa forma ta' fosfatidilserina u aċidu fosfatidiku bi proporzjon ugwali fl-għamla ta' trab ikkonċentrat ħafna, kannella safrani. **Speċifikazzjoni tal-prodott:** Ndewwa: ≤ 2,0 %

▼M9

Ikel Ġdid Awtorizzat	Speċifikazzjonijiet
	Fosfolipidi totali: ≥ 70 % Fosfatidilserina: ≥ 20 % Aċidu fosfatidiku: ≥ 20 % Gliċeridi: ≤ 1,0 % L-serina libera: ≤ 1,0 % Tokoferoli: ≤ 0,3 % Fitosteroli: ≤ 2,0 % Id-diossidu tas-siliċju jintuża b'kontenut massimu ta' 1,0 %
Fosfolipidi mill-isfar tal-bajd	85 % u 100 % fosfolipidi puri mill-isfar tal-bajd
Fitoglikoġenu	**Deskrizzjoni:** Trab abjad għal abjad miksur li huwa polisakkarid bla riħa, bla kulur u bla togħma miksub mill-qamħirrum mhux immodifikat ġenetikament permezz ta' tekniki konvenzjonali tal-ipproċessar tal-ikel **Definizzjoni:** Polimeru tal-glukożju $(C_6H_{12}O_6)n$ b'konnessjonijiet lineari ta' rabtiet glikosidiċi α(1 – 4) bil-frieħi f'kull 8 sa 12-il unità tal-glukożju b'rabtiet glikosidiċi α(1 – 6) **Speċifikazzjonijiet**: Karboidrati: 97 % Zokkor: 0,5 % Fibra: 0,8 % Xaħam: 0,2 % Proteina: 0,6 %
Fitosteroli/fitostanoli	**Deskrizzjoni/Definizzjoni:** Il-Fitosteroli u l-fitostanoli huma steroli u stanoli li jiġu estratti mill-pjanti u li jistgħu jiġu ppreżentati bħala steroli u stanoli liberi jew esterifikati b'aċidi xaħmin tal-ikel. **Kompożizzjoni** (bil-metodu GC-FID jew metodu ekwivalenti): β-sitosterol: < 81 % β-sitostanol: < 35 % kampesterol: < 40 % kampestanol: < 15 %

▼M9

Ikel Ġdid Awtorizzat	Speċifikazzjonijiet
	stigmasterol: < 30 % brassikasterol: < 3,0 % steroli/stanoli oħrajn: < 3,0 % **Kontaminazzjoni/Purità** (bil-metodu GC-FID jew metodu ekwivalenti): Il-fitosteroli u l-fitostanoli estratti minn sorsi għajr miż-żejt veġetali tajjeb għall-ikel iridu jkunu ħielsa minn sustanzi kontaminanti, u l-aħjar assigurazzjoni ta' dan huwa li l-purità ta' aktar minn 99 % tal-ingredjent fitosterol/fitostanol.
